MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2008

Numru. 717/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Leandross Cutajar ta' 23 sena, iben Carmelo u Alfreda nee Bonnett, mwieled Pieta fid-29 ta' Lulju, 1984, residenti gewwa 82, Triq Abram, Gatt, Bormla detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 389684M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ui cioe` talli fit-12 ta' Gunju 2008, xjentament xtara jew laqgha ghandhu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Eur232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jack dan sar

f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun indhal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli b’hekk sar recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49, 50, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’sentenza tal-Qrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel kif ukoll bi ksur ta’ Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tas-6 ta’ Awissu, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat mghamulha llum stess ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rifjaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamula mill-imputat illum seduta stante l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi dwar ir-ricettazzjoni. Illi dwar it-tieni akkuza, il-Qorti u ma ghandhux il-provi rikjesti mill-ligi quddiemha sabiex tkun tista’ issib htija kwalunkwe kaz l-imputat jinsab akkuza f’din l-istess akkuza fi proceduri pendenti fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt illi ikkollabora mal-pulizija izda ma tistghax tinjora l-fedina penali ta’ l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 334(a) u 279(a) tal-Kodici Kriminali filwaqt illi tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza fuq nuqqas ta’ provi, issibu hati ta’ l-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perjodu ta’ hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------